SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

11 ta' Diċembru 2007 *

Fil-Kawża C-291/05,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 234 KE, imressqa mir-Raad van State (l-Olanda), permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Lulju 2005, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Lulju 2005, fil-proċedura

Minister voor Vreemdelingenzaken en Integratie

vs

R. N. G. Eind,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, P. Jann, C. W. A. Timmermans, A. Rosas, K. Lenaerts u G. Arestis, Presidenti ta' l-Awla, J. N. Cunha Rodrigues (Relatur), R. Silva de Lapuerta, K. Schiemann, J. Makarczyk u A. Borg Barthet, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Settembru 2006,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Minister voor Vreemdelingenzaken en Integratie, minn A. van Leeuwen, advocaat,

— għal R. N. G. Eind, minn R. Ketwaru, advocaat,

— għall-Gvern Olandiż, minn H. G. Sevenster u C. Wissels kif ukoll minn M. de Grave, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ċek, minn T. Boček, bħala aġent,

— għall-Gvern Daniż, minn A. Jacobsen, bħala aġent,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u C. Schulze-Bahr, bħala aġenti,

— għall-Gvern Grieg, minn K. Georgiadis u K. Boskovits kif ukoll minn Z. Chatzipavlou, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn E. O'Neill, bħala aġent, assistita minn S. Moore, barrister,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn G. Rozet u M. van Beek, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2007,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 18 KE, tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, p. 2), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2434/92, tas-27 ta' Lulju 1992 (ĠU L 245, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1612/68"), u tad-Direttiva tal-Kunsill 90/364/KEE, tat-28 ta' Ġunju 1990, dwar id-dritt ta' residenza (ĠU L 180, p. 26).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn R. N. G. Eind, ċittadina tas-Surinam, u l-Minister voor Vreemdelingenzaken en Integratie (il-Ministru għall-kwistjonijiet relattivi għall-barranin u l-integrazzjoni) dwar deċiżjoni tas-Staatssecretaris van Justitie (is-Segretarju ta' l-Istat għall-ġustizzja, iktar 'il quddiem is-"Segretarju ta' l-Istat") li ċaħditilha permess ta' residenza.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 L-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68 jipprovdi:

"1. Dawn li ġejjin għandhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza tagħhom, ikollhom id-dritt li jinstallaw ruħhom ma' ħaddiem li hu ċittadin ta' Stat Membru wieħed u li hu mpjegat fit-territorju ta' Stat Membru ieħor:

a) il-mara [il-konjuġi] tiegħu u d-dixxendenti tagħhom li huma taħt l-età ta' 21 sena jew huma dipendenti;

[...]"

4 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 90/364 jistipula dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jagħtu d-dritt ta' residenza liċ-ċittadini ta' Stati Membri li ma jgawdux minn dan id-dritt taħt dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-

Komunità u lill-membri tal-familji tagħhom kif definit fil-paragrafu 2, basta li huma nfushom u l-membri tal-familji tagħhom ikunu koperti b'assigurazzjoni għall-mard fir-rigward tar-riskji kollha fl-Istat Membru ospitanti u li jkollhom riżorsi biżżejjed sabiex jevitaw li jsiru piż fuq is-sistema ta' l-assistenza soċjali ta' l-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu ta' residenza tagħhom.

[...]

2. Is-segwenti għandhom, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, ikollhom id-dritt li jistabbilixxu ruħhom fi Stat Membru ieħor mad-detentur tad-dritt ta' residenza:

a) il-mara jew ir-raġel tiegħu/tagħha u d-dixxendenti tagħhom li huma dipendenti;

[...]"

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

5 L-Artikolu 1(e) tal-liġi fuq il-barranin (Vreemdelingenwet), tat-23 ta' Novembru 2000 (*Staatsblad* 2000, Nru 495), jispeċifika li "ċittadini Komunitarji" tfisser:

"1. iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li, skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, għandhom id-dritt jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u jirrisjedu hemmhekk;

2. il-membri tal-familja tal-persuni msemmija fil-punt 1 li huma ta' nazzjonalità ta' Stat terz u li, skond deċiżjoni adottata skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, għandhom id-dritt jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru u jirrisjedu hemmhekk [...]"

6 Skond l-Artikolu 1(h) tal-liġi fuq il-barranin, "permess ta' residenza provviżorja" tfisser il-viża għal soġġorn ta' iktar minn tliet xhur mitluba personalment minn barrani mingħand rappreżentanza diplomatika jew kolsulari tar-Renju ta' l-Olanda fil-pajjiż ta' oriġini jew ta' residenza permanenti [...] u maħruġa minn din ir-rappreżentanza.

7 L-Artikolu 14(1)(a) tal-liġi fuq il-barranin tawtorizza lill-Ministru tal-Ġustizzja jilqa', jiċħad jew ma jeżaminax it-talba għall-ħruġ ta' permess ta' residenza għal perijodu definit. Skond l-Artikolu 14(2), permess ta' residenza għal perijodu definit jinkludi restrizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-raġuni għalfejn is-soġġorn ikun ġie awtorizzat.

8 L-Artikolu 16(1)(a) tal-liġi fuq il-barranin jipprovdi li t-talba għal permess ta' residenza għal perijodu determinat tista' tiġi miċħuda jekk il-barrani ma jkollux permess ta' residenza provviżorja validu li l-ħruġ tiegħu jkun ġie motivat minn raġuni li tikkorrispondi għal dik tat-talba għal permess ta' residenza.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

9 Matul ix-xahar ta' Frar tas-sena 2000, M. Eind, ċittadin Olandiż, mar fir-Renju Unit u sab xogħol hemmhekk. Sussegwentement, ingħaqdet miegħu t-tifla tiegħu Rachel, li twieldet fl-1989, u li waslet direttament mis-Surinam.

10 Skond id-deċiżjoni tar-rinviju, l-awtoritajiet tar-Renju Unit, fl-4 ta' Ġunju 2001, għarrfu lil M. Eind li kellu d-dritt ta' residenza f'dan l-Istat Membru skond ir-Regolament Nru 1612/68. Permezz ta' ittra li kienet iġġib l-istess data, it-tifla tiegħu ġiet informata li, bħala membru tal-familja ta' ħaddiem Komunitajru, hija kellha l-istess dritt. B'hekk, M. Eind irċieva permess ta' residenza validu mis-6 ta' Ġunju 2001 sas-6 ta' Ġunju 2006.

11 Fis-17 ta' Ottubru 2001, M. Eind u t-tifla tiegħu daħlu l-Olanda. It-tifla rreġistrat lilha nfisha mal-pulizija ta' Amsterdam u talbet li jinħarġilha permess ta' residenza skond l-Artikolu 14 tal-liġi fuq il-barranin.

12 Quddiem il-Kummissjoni Amministrattiva inkarigata bl-eżaminazzjoni ta' din it-talba, M. Eind iddikjara li, minn mindu reġa' lura l-Olanda, kien qed jirċievi assistenza soċjali u ma kien la eżerċita u lanqas fittex xogħol peress li kien marid. Madankollu, afferma wkoll li kellu intervista mal-Banenmarkt (l-Uffiċċju ta' l-impjieg) bil-għan illi jerġa' jidħol fis-suq tax-xogħol u li kien qed jistenna t-tieni intervista. Jirriżulta wkoll mill-proċess li, fl-Olanda, M. Eind għandu assigurazzjoni kontra l-mard.

13 Permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Jannar 2002, is-Segretarju ta' l-Istat ċaħad it-talba magħmula minn R. N. G. Eind peress li ma kellhiex permess ta' residenza provviżorja. Barra minn hekk, din id-deċiżjoni speċifikat li ebda permess ta' residenza ma seta' jinħareġ favur R. N. G. Eind abbażi tal-kwalità tagħha ta' membru tal-familja ta' ċittadin Komunitajru. Fil-fatt, għalkemm missierha kien irrisjeda fi Stat Membru differenti mir-Renju ta' l-Olanda, ma kienx eżerċita, meta reġa' lura f'dan l-Istat, attività reali u effettiva u ma kienx persuna mhux attiva ekonomikament fis-sens tat-Trattat KE. F'dawn iċ-ċirkustanzi, M. Eind ma setax jibqa' jiġi kkunsidrat bħala ċittadin Komunitajru fis-sens tal-liġi fuq il-barranin.

14 L-oppożizzjoni mressqa minn R. N. G. Eind kontra l-imsemmija deċiżjoni ġiet respinta permezz ta' deċiżjoni tas-Segretarju ta' l-Istat tal-5 ta' Lulju 2002. Madankollu, permezz ta' sentenza ta' l-20 ta' Ottubru 2004, ir-Rechtbank te 's-Gravenhage (il-Qorti ta' l-Aja), billi rreferiet għas-sentenzi tas-7 ta' Lulju 1992, Singh (C-370/90, Ġabra p. I-4265) u tas-26 ta' Frar 1991, Antonissen (C-292/89, Ġabra p. I-745), annullat id-deċiżjoni tas-Segretarju ta' l-Istat tal-5 ta' Lulju 2002 u rrinvijat il-kawża quddiem il-Minister voor Vreemdelingenzaken en Integratie sabiex l-oppożizzjoni tiġi eżaminata mill-ġdid.

15 Il-Minister voor Vreemdelingenzaken en Integratie appella minn din is-sentenza quddiem ir-Raad van State, li, billi kkunsidrat li d-dritt Komunitajru ma jagħtix soluzzjoni ċara għall-kawża li biha hi adita, iddeċidiet li tissospendi l-proċedimenti u li tagħmel id-domani preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) a) F'każ illi ċittadin ta' pajjiż terz jiġi kkunsidrat minn Stat Membru li jkun qed jospitah, bħala membru tal-familja ta' ħaddiem, fis-sens ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament [...] Nru 1612/68, [...], u l-validità tal-permess ta' residenza mogħti lilu minn dan l-Istat Membru ma tkunx għadha skadiet, dan ifisser li l-Istat Membru fejn il-ħaddiem huwa ċittadin, mar-ritorn ta' l-istess ħaddiem, għal din ir-raġuni biss, ma jistax jiċħad id-dritt tad-dħul u tar-residenza lill-imsemmi ċittadin ta' pajjiż terz?

b) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, dan ifisser illi dan l-Istat Membru huwa intitolat jiddeċiedi hu stess jekk, mad-dħul ta' dak iċ-ċittadin tal-pajjiż terz, humiex sodisfatti l-kundizzjonijiet għad-dħul u residenza tad-dritt nazzjonali, jew ifisser li l-Istat Membru għandu l-ewwel janalizza jekk dan l-istess ċittadin ta' pajjiż terz, bħala membru tal-familja tal-ħaddiem, jistax jibqa' jibbenefika mid-drittijiet imnisslin mid-dritt Komunitarju?

2) Għall-finijiet tar-risposta għad-domandi 1 a) u 1 b) huwa rilevanti jekk l-imsemmi ċittadin ta' pajjiż terz, qabel ir-residenza tiegħu fl-Istat Membru ospitanti, ma kienx igawdi mid-dritt ta' residenza bbażat fuq id-dritt nazzjonali ta' l-Istat Membru li tiegħu hu ċittadin il-ħaddiem?

3) a) Jekk l-Istat Membru li tiegħu ħaddiem (il-missier) hu ċittadin, mar-ritorn ta' dan l-istess ħaddiem, huwa awtorizzat li jivverifika jekk għadhomx sodisfatti l-kundizzjonijiet imposti mid-dritt Komunitarju sabiex jinħareġ permess ta' residenza lil membru tal-familja, ċittadin ta' pajjiż terz, li jkun membru tal-familja tal-missier, li jkun irritorna mill-Istat Membru ospitanti lejn l-Istat li tiegħu huwa jkun ċittadin sabiex ifittex xogħol hemmhekk, għandu dritt ta' residenza f'dan l-Istat Membru msemmi l-aħħar u, jekk iva, għal kemm żmien?

b) Dan id-dritt jibqa' jeżisti anke fil-każ illi l-missier ma jkunx qiegħed jiżvolġi xogħol reali u effettiv f'dak l-Istat Membru u ma jistax jew ma jistax jibqa' jiġi kkunsidrat bħala li qiegħed ifittex xogħol, fil-kuntest tad-Direttiva [...] 90/364 [...], fid-dawl tal-fatt illi l-missier ikun qed jirċievi benefiċċju soċjali bis-saħħa taċ-ċittadinanza Olandiża tiegħu?

4) X'sinjifikat għandu jingħata, sabiex tinsab soluzzjoni għad-domandi preċedenti, għall-fatt li dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa membru tal-familja ta' ċittadin ta' l-Unjoni, li jkun eżerċita d-dritt mogħti lilu mill-Artikolu 18 [KE] u jirritorna fl-Istat Membru li tiegħu hu ċittadin?"

Osservazzjonijiet preliminari

16 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu u fis-seduta, il-Gvern tar-Renju Unit indika li l-permess ta' residenza li M. Eind kiseb f'dan l-Istat Membru nħariġlu skond id-dritt nazzjonali u mhux abbażi ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68. Dan il-Gvern speċifika li dan il-permess ta' residenza ma kienx jirrifletti obbligu tad-dritt Komunitarju iżda għażla politika magħmula fid-dawl tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

17 Min-naħa l-oħra, jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li, b'ittra ta' l-4 ta' Ġunju 2001, l-awtoritajiet tar-Renju Unit informaw lil R. N. G. Eind li, bħala membru tal-familja ta' ħaddiem Komunitarju, hija kellha d-dritt li tirrisjedi f'dan l-Istat Membru skond ir-Regolament Nru 1612/68.

18 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni stabbilita fl-Artikolu 234 KE, mhijiex il-Qorti tal-Ġustizzja iżda l-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi l-fatti li jkunu taw lok għall-kawża u li tiddeduċi konklużjonijiet minnhom għall-finijiet tad-deċiżjoni li hi mitluba tagħti (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Settembru 1999, WWF *et*, C-435/97, Ġabra p. I-5613, punt 32, u tat-23 ta' Ottubru 2001, Tridon, C-510/99, Ġabra p. I-7777, punt 28).

19 Għaldaqstant, ir-risposti li għandhom jingħataw għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju għandhom ikunu bbażati fuq il-premessa li fuqha bbażat ruħha l-qorti tar-rinviju, jiġifieri li R. N. G. Eind kienet qed tirrisjedi fir-Renju Unit abbażi ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq id-domanda 1(a)

20 Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk, f'każ li ħaddiem Komunitarju jerġa' lura fl-Istat Membru li tiegħu jkun ċittadin, id-dritt Komunitarju jimponix fuq l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru l-obbligu li jirrikonoxxu favur ċittadin ta' Stat terz, li jkun membru tal-familja ta' dan il-ħaddiem, id-dritt ta' dħul u ta' residenza sempliċiment minħabba l-fatt li, fl-Istat Membru ospitanti fejn huwa eżerċita attività bħala impjegat, dan iċ-ċittadin kellu permess ta' residenza li għadu validu, maħruġ abbażi ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68.

21 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skond l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament Nru 1612/68, il-konjuġi u d-dixxendenti ta' inqas minn wieħed u għoxrin sena jew dipendenti minn ħaddiem li jkun ċittadin ta' Stat Membru impjegat fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għandhom id-dritt jirrisjedu fih mal-ħaddiem, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom.

22 Jirriżulta b'mod partikolari mill-ħames premessa tar-Regolament Nru 1612/68 li dan ir-Regolament hu intiż biex jelimina l-ostakoli għall-mobbiltà tal-ħaddiema, "b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt tal-ħaddiem li tingħaqad miegħu l-familja tiegħu u l-kondizzjonijiet għall-integrazzjoni ta' dik il-familja fil-pajjiż li jospitaha".

23 Id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja skond l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68 ma jagħti lill-membri tal-familja tal-ħaddiema emigranti ebda dritt direct għall-moviment liberu, peress li din id-dispożizzjoni hija pjuttost għall-benefiċċju tal-ħaddiem emigrant li l-familja tiegħu tkun tinkludi ċittadin minn Stat terz (ara, fil-kuntest ta' l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1612/68, is-sentenza tat-30 ta' Marzu 2006, Mattern u Cikotic, C-10/05, Ġabra p. I-3145, punt 25).

24 Minn dan jirriżulta li d-dritt ta' ċittadin ta' Stat terz, li jkun membru tal-familja ta' ħaddiem Komunitarju, li jmur joqgħod mal-ħaddiem jista' jiġi invokat biss fl-Istat Membru li fih jirrisjedi dan il-ħaddiem.

25 Fil-kuntest tar-Regolament Nru 1612/68, l-effetti tal-permess ta' residenza maħruġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru favur ċittadin ta' Stat terz li jkun membru tal-familja ta' ħaddiem Komunitarju jibqgħu limitati għat-territorju ta' dan l-Istat Membru.

26 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda 1(a) hi li, f'każ li ħaddiem Komunitarju jerġa' lura fl-Istat Membru li tiegħu jkun ċittadin, id-dritt Komunitarju ma jimponix fuq l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru l-obbligu li jirrikonoxxu favur ċittadin ta' Stat terz, li jkun membru tal-familja ta' dan il-ħaddiem, dritt ta' dħul u ta' residenza sempliċiment minħabba l-fatt li, fl-Istat Membru ospitanti fejn huwa eżerċita attività bħala impjegat, dan iċ-ċittadin kellu permess ta' residenza li għadu validu, maħruġ abbażi ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68.

Fuq id-domandi 2 u 3(b)

27 Permezz ta' dawn id-domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk, meta ħaddiem jerġa' lura fl-Istat Membru li tiegħu għandu ċ-ċittadinanza, wara li jkun eżerċita attività bħala impjegat fi Stat Membru ieħor, ċittadin ta' Stat terz, li jkun membru tal-familja ta' dan il-ħaddiem, għandux, skond id-dritt Komunitarju, dritt ta' residenza fl-Istat Membruli tiegħu l-ħaddiem hu ċittadin, meta dan il-ħaddiem ma jeżerċitax attività ekonomika reali u effettiva hemmhekk. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk il-fatt li ċ-ċittadin ta' l-

Istat terz, qabel ma mar joqgħod fl-Istat Membru ospitanti li fih il-ħaddiem eżerċita attività bħala impjegat, ma kellux dritt ta' residenza bbażat fuq id-dritt nazzjonali fl-Istat Membru li tiegħu l-ħaddiem hu ċittadin, jistax jaffettwa d-dritt ta' residenza ta' l-imsemmi ċittadin.

28 Qabel kollox, għandu jiġi mfakkar li d-dritt taċ-ċittadini ta' Stat Membru li jirrisjedu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, mingħajr ma jeżerċitaw ebda attività bħala impjegati jew għal rashom hemmhekk, mhuwiex inkondizzjonat. Skond l-Artikolu 18(1) KE, id-dritt ta' residenza fit-territorju ta' l-Istati Memrbi hu rikonoxxut favur kull ċittadin ta' l-Unjoni biss salv għal-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbilit fit-Trattat u d-dispożizzjonijiet adottati biex it-Trattat jiġi implementat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Settembru 2004, Trojani, C-456/02, Ġabra p. I-7573, punti 31 u 32, u tad-19 ta' Ottubru 2004, Zhu u Chen, C-200/02, Ġabra p. I-9925, punt 26).

29 Fost dawn il-limitazzjonijiet u kundizzjonijiet, jirriżulta mill-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 90/364 li l-Istati Membri jistgħu jeżiġu miċ-ċittadini ta' l-Unjoni li ma jkunux ekonomikament attivi u li jixtiequ jgawdu mid-dritt ta' residenza fit-territorju tagħhom li jkollhom, għalihom infushom u għall-membri tal-familja tagħhom, assigurazzjoni kontra l-mard li tkopri r-riskji kollha fl-Istat Membru ospitanti u riżorsi suffiċjenti sabiex jiġi evitat li huma jsiru, matul ir-residenza tagħhom, ta' piż fuq is-sistema ta' l-assistenza soċjali ta' dan l-Istat.

30 Id-dritt ta' residenza li jgawdu l-membri tal-familja ta' ċittadin ta' l-Unjoni ekonomikament mhux attiv, skond l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 90/364, hu marbut ma' dak li ċ-ċittadin ta' l-Unjoni għandu skond id-dritt Komunitarju.

31 Fil-kawża prinċipali, peress li M. Eind hu ċittadin Olandiż, id-dritt ta' residenza tiegħu fit-territorju tar-Renju ta' l-Olanda ma jista' jiġi la rrifjutat lilu u lanqas suġġett għal kundizzjonijiet.

32 Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 101 sa 106 tal-konklużjonijiet tiegħu, id-dritt ta' ħaddiem emigrant li jirritorna u jirrisjedi fl-Istat Membru li tiegħu għandu ċ-ċittadinanza, wara li jkun eżerċita attività bħala impjegat fi Stat Membru ieħor, jingħata mid-dritt Komunitarju, inkwantu meħtieġ biex jassigura l-effettività tad-dritt għall-moviment liberu li l-ħaddiema għandhom skond l-Artikolu 39 KE u d-dispożizzjonijiet adottati biex l-imsemmi dritt jiġi implementat, bħal dawk tar-Regolament Nru 1612/68. Din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-introduzzjoni ta' l-istat ta' ċittadin ta' l-Unjoni li hu intiż biex ikun l-istat fundamentali taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

33 Il-Gvernijiet ta' l-Olanda u tad-Danimarka sostnew, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, li l-prospettiva li, meta ċittadin Komunitarju jirritorna lejn l-Istat Membru ta' l-oriġini tiegħu, ma jkunx jista' jkompli l-ħajja familjari tiegħu eventwalment stabbilita fl-Istat Membru ospitanti, ma tiskoraġġixxix liċ-ċittadin Komunitarju milli jittrasferixxi ruħu f'dan l-aħħar imsemmi Stat biex jaħdem hemmhekk bħala impjegat. B'mod partikolari, ġie enfasizzat mill-Gvern Olandiż il-fatt li M. Eind ma setax ikun dissważ milli jeżerċita din il-libertà billi jittrasferixxi ruħu fir-Renju Unit minħabba l-impossibbiltà li t-tifla tiegħu toqgħod miegħu ladarba huwa jirritorna fl-Istat ta' oriġini tiegħu, billi R. N. G. Eind f'dak iż-żmien tat-trasferiment ma kellhiex dritt ta' residenza fl-Olanda.

34 Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat.

35 Iċ-ċittadin ta' Stat Membru jista' jiġi dissważ milli jitlaq l-Istat Membru li tiegħu hu ċittadin sabiex jeżerċita attività bħala impjegat fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jekk ma jkollux iċ-ċertezza li jkun jista' jirritorna fl-Istat Membru ta' oriġini, indipendentement mill-eżerċizzju ta' attività ekonomika f'dan l-Istat imsemmi l-aħħar.

36 Dan l-effett dissważiv jitnissel ukoll mis-sempliċi prospettiva, għall-istess ċittadin, li ma jkunx jista', wara li jirritorna fl-Istat Membru ta' oriġini, jibqa' jgħix mal-membri intimi tal-familja tiegħu, sitwazzjoni li tista' eventwalment tinħoloq minħabba żwieġ jew riunifikazzjoni tal-familja, fl-Istat Membru ospitanti.

37 L-ostakli għar-riunifikazzjoni tal-familja jistgħu għalhekk ikunu ta' ħsara għad-dritt għal moviment liberu li ċ-ċittadini ta' l-Istati Memrbi jnisslu mid-dritt Komunitajru, peress li r-ritorn ta' ħaddiem Komunitarju fl-Istat Membru li tiegħu għandu ċ-ċittadinanza ma jistax jiġi kkunsidrat baħal sitwazzjoni purament interna.

38 Minn dan isegwi li, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, R. N. G. Eind għandha d-dritt tistabbilixxi ruħha ma' missierha, M. Eind, fl-Olanda, anki jekk dan ikun ikkwalifikat bħala ċittadin mhux attiv ekonomikament.

39 Dan id-dritt jibqa' suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament Nru 1612/68, li japplikaw b'analoġija.

40 B'hekk, persuna li ssib ruħha fis-sitwazzjoni ta' R. N. G. Eind tista' tgawdi mill-imsemmi dritt sakemm ma tagħlaqx il-wieħed u għoxrin sena jew sakemm tkun għadha dipendenti minn missierha.

41 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-fatt li R. N. G. Eind, qabel ma rrisjediet fl-Istat Memrbu ospitanti fejn missierha eżerċita attività bħala impjegat, ma kellhiex dritt ta' residenza bbażat fuq id-dritt nazzjonali fl-Istat Membru li tiegħu l-ħaddiem għandu ċ-ċittadinanza.

42 Għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu l-Gvernijiet ta' l-Olanda, tad-Danimarka u tal-Ġermanja, l-impossibbiltà li jiġi eżerċitat dritt bħal dan hi irrilevanti għall-finijiet tar-rikonoxximent tad-dritt ta' dħul u residenza ta' tali tifel jew tifla, bħala membru tal-familja ta' ħaddiem Komunitarju, fl-Istat Membru li tiegħu dan ta' l-aħħar hu ċittadin.

43 Fl-ewwel lok, l-eżiġenza ta' dan id-dritt ma tirriżulta, espressament jew impliċitament, minn ebda dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju relattiva għad-dritt ta' residenza fil-Komunità taċ-ċittadini ta' Stati terzi li jkunu membri tal-familja ta' ħaddiema Komunitarji. Skond ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlazzjoni Komunitarja ta' dritt sekondarju fir-rigward tal-moviment u tar-residenza ma tistax tiġi interpretata b'mod restrittiv (ara b'mod partikolari, fir-rigward tar-Regolament Nru 1612/68, is-sentenzi tat-13 ta' Frar 1985, Diatta, 267/83, Ġabra p. 567, punti 16 u 17, kif ukoll tas-17 ta' Settembru 2002, Baumbast u R, C-413/99, Ġabra p. I-7091, punt 74).

44 Fit-tieni lok, tali eżiġenza hi kuntrarja għall-għan tal-leġiżlatur Komunitarju li rrikonoxxa l-importanza li tiġi assigurata l-protezzjoni tal-ħajja tal-familja taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri sabiex jitneħħew l-ostakoli għall-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali garantiti mit-Trattat (sentenzi tal-11 ta' Lulju 2002, Carpenter, C-60/00, Ġabra p. I-6279, punt 38, u tal-25 ta' Lulju 2002, MRAX, C-459/99, Ġabra p. I-6591, punt 53).

45 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi 2 u 3(b) hi li, meta ħaddiem jerġa' lura fl-Istat Membru li tiegħu għandu ċ-ċittadinanza, wara li jkun eżerċita attività bħala impjegat fi Stat Membru ieħor, ċittadin ta' Stat terz, li jkun membru tal-familja ta' dan il-ħaddiem, għandu, skond l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament Nru 1612/68, peress li din id-dispożizzjoni tapplika b'analoġija, dritt ta' residenza fl-Istat Membru li tiegħu l-ħaddiem hu ċittadin, anki jekk dan il-ħaddiem ma jeżerċitax attività ekonomika reali u effettiva hemmhekk. Il-fatt li ċittadin ta' Stat terz li jkun membru tal-familja tal-ħaddiem Komunitarju, qabel ma mar joqgħod fl-Istat Membru li fih il-ħaddiem eżerċita

attività bħala impjegat, ma kellux dritt ta' residenza bbażat fuq id-dritt nazzjonali fl-Istat Membru li tiegħu l-ħaddiem hu ċittadin hu irrilevanti għall-finijiet ta' l-eżami tad-dritt ta' residenza ta' dan iċ-ċittadin fl-Istat imsemmi l-aħħar.

Fuq id-domandi 1(b), 3(a), u 4

46 Fid-dawl tar-risposta mogħtija lid-domandi 1(a), 2 u 3(b), mhemmx lok li tingħata risposta għad-domandi l-oħra magħmula mill-qorti tar-rinviju.

Fuq l-ispejjeż

47 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) F'każ li ħaddiem Komunitarju jerġa' lura fl-Istat Membru li tiegħu jkun ċittadin, id-dritt Komunitarju ma jimponix fuq l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru l-obbligu li jirrikonoxxu favur ċittadin ta' Stat terz, li jkun

membru tal-familja ta' dan il-ħaddiem, dritt ta' dħul u ta' residenza sempliċiment minħabba l-fatt li, fl-Istat Membru ospitanti fejn huwa eżerċita attività bħala impjegat, dan iċ-ċittadin kellu permess ta' residenza li għadu validu, maħruġ abbażi ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2434/92, tas-27 ta' Lulju 1992.

2) **Meta ħaddiem jerġa' lura fl-Istat Membru li tiegħu għandu ċ-ċittadinanza, wara li jkun eżerċita attività bħala impjegat fi Stat Membru ieħor, ċittadin ta' Stat terz, li jkun membru tal-familja ta' dan il-ħaddiem, għandu, skond l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament Nru 1612/68, kif emendat bir-Regolament Nru 1434/92, peress li din id-dispożizzjoni tapplika b'analoġija, dritt ta' residenza fl-Istat Membru li tiegħu l-ħaddiem hu ċittadin, anki jekk dan il-ħaddiem ma jeżerċitax attività ekonomika reali u effettiva hemmhekk. Il-fatt li ċittadin ta' Stat terz li jkun membru tal-familja tal-ħaddiem Komunitarju, qabel ma mar joqgħod fl-Istat Membru li fih il-ħaddiem eżerċita attività bħala impjegat, ma kellux dritt ta' residenza bbażat fuq id-dritt nazzjonali fl-Istat Membru li tiegħu l-ħaddiem hu ċittadin hu irrilevanti għall-finijiet ta' l-eżami tad-dritt ta' residenza ta' dan iċ-ċittadin fl-Istat imsemmi l-aħħar.**

Firem